*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026*

*Taqsima B*

**A.L. 142 tal-2026**

# ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

## Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għas-Servizz Domestiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għal impiegi u relazzjonijiet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu, bidu fis-seħħ u applikabbiltà.

**1.** (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet ta' Xogħol għas-Servizz Domestiku.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

(3) Id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan l-ordni għandhom japplikaw għall-impjegati kollha fi djar privati li jaħdmu f'xogħlijiet domestiċi, bħalma huma sefturi, kamriera, housekeepers, koki, butlers, valets, handymen, cleaners, fattigi, ħassiela, babysitters, nursemaids u persuni oħra impjegati f'xogħol relatat, inkluż xufiera, ġardinara u impjiegi simili marbuta max-xogħol tad-dar:

Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' impjegati li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "djar privati" għandha tinkludi istituti tal-karità, monasteri u kunventi iżda ma għandhiex tinkludi kwalunkwe sptar, klinika, nursing home, istituti ta' kura mediko-kirurġika, dar tal-maternità jew stabbiliment idropatiku, djar għall-anzjani jew skejjel immexxija minn kwalunkwe tali djar privati.

Tifsir.

**2.** F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Att" tfisser l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; Kap. 452.

"festi tas-soltu" tfisser il-ġranet, għajr il-Ħdud, iddikjarati bħala festi pubbliċi skont l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Kap. 252.

Pubbliċi oħra;

"ftehim kollettiv" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"ġimgħa" tfisser ġimgħa kalendarja;

"ġurnata" tfisser perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa konsekuttivi;

"ħinijiet tax-xogħol" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att.

"ħin u nofs" tfisser darba u nofs ir-rata attwali ta' ħin applikabbli għall-impjegat;

"ħin doppju" tfisser darbtejn ir-rata attwali ta' ħin applikabbli għall-impjegat;

"ikel" tfisser il-kafè ta' filgħodu, l-ikel ta' nofsinhar, it-te ta' waranofsinhar u l-ikla ta' filgħaxija;

"impjegat part-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"impjegat whole-time" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"paga" tfisser remunerazzjoni jew qligħ li jitħallas minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kwalunkwe bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 tal-Att għajr kwalunkwe bonus jew allowance relatat mal-prestazzjoni jew mal-produzzjoni;

"paga doppja" tfisser darbtejn ir-rata attwali ta' ġurnata li tapplika għall-impjegat.

Gruppi ewlenin ta' ħaddiema domestiċi.

**3.** Għall-finijiet ta' dan l-ordni għandu jkun hemm sitt (6) gruppi ta' ħaddiema fis-servizz domestiku, kif ġej:

(a) GRUPP 1 għandu jikkonsisti f'ħaddiema impjegati fuq bażi ta' xahar li jorqdu fid-dar tal-prinċipal tagħhom għal mhux inqas minn sbatax (17)-il lejl fi kwalunkwe xahar;

(b) GRUPP 2 għandu jikkonsisti f'ħaddiema impjegati fuq bażi ta' xahar li jorqdu fid-dar tal-prinċipal tagħhom għal inqas minn sbatax (17)-il lejl f'xahar jew li ma jorqdu xejn;

(ċ) GRUPP 3 għandu jikkonsisti f'ħaddiema impjegati fuq bażi ta' ġimgħa li jorqdu fid-dar tal-prinċipal tagħhom għal

mhux inqas minn erbat (4) ijiem fi kwalunkwe ġimgħa;

(d) GRUPP 4 għandu jikkonsisti f'ħaddiema impjegati fuq bażi ta' ġimgħa li jorqdu fid-dar tal-prinċipal tagħhom għal inqas minn erbat (4) ijiem f'kwalunkwe ġimgħa jew li ma jorqdu xejn;

(e) GRUPP 5 għandu jikkonsisti f'ħaddiema impjegati fuq bażi ta' ġurnata;

(f) GRUPP 6 għandu jikkonsisti f'ħaddiema li huma impjegati fuq bażi ta' siegħa.

Ħinijiet ta' xogħol.

**4.** Il-ħinijiet ta' xogħol ta' ħaddiema fil-Gruppi 1 u 3 f'dawk il-ġranet meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom, ta' ħaddiema fil-Gruppi 2 u 4 f'tali, u ta' ħaddiema fil-Grupp 5 ma għandhomx jeċċedu tmienja (8) fi kwalunkwe ġurnata, iżda ma għandhomx jeċċedu erbgħin (40) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa, esklużi l-intervalli permessi għall-ikel u għall-mistrieħ.

Paga minima.

**5.** Il-paga minima tal-ħaddiema għandha tkun kif ġej:

| | |
|---|---|
| Impjegati whole-time | |
| Ħaddiema fil-Grupp 1 | €1,016.37 fix-xahar |
| Ħaddiema fil-Grupp 2 | €1,000.08 fix-xahar |
| Ħaddiema fil-Grupp 3 | €234.68 fil-ġimgħa |
| Ħaddiema fil-Grupp 4 | €232.93 fil-ġimgħa |
| Impjegati part-time | |
| Ħaddiema fil-Grupp 5 | €38.82 kuljum |
| Ħaddiema fil-Grupp 6 | €5.82 is-siegħa: |

Iżda fejn impjieg jeċċedi erba' (4) sigħat fi kwalunkwe ġurnata waħda (1), il-ħlas fl-ebda każ ma għandu jkun inqas mill-ekwivalenti ta' ġurnata xogħol:

Iżda wkoll kwalunkwe impjegat part-time li jikkwalifika bħala impjegat whole-time skont l-artikolu 4 għandu jkun intitolat għall-paga sħiħa fil-ġimgħa applikabbli skont dan l-artikolu minkejja li l-ħaddiem jaħdem għal inqas minn sitt (6) ijiem.

Rati minimi ta' sahra.

**6.** (1) Ħaddiema fil-Gruppi 1, 2, 3 u 4 f'dawk il-ġranet meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom u ħaddiema fil-Grupp 5 għandhom ikunu intitolati għall-ħlas b'ħin u nofs għall-ħin kollu maħdum li jeċċedi tmien (8) sigħat fi ġranet normali u għall-ħin kollu maħdum li jeċċedi erbgħin (40) siegħa fi kwalunkwe ġimgħa.

(2) Ħaddiema li jaħdmu f'festa tas-soltu għandhom ikunu intitolati għal paga doppja għal ġurnata xogħol u ħlas b'ħin doppju għax-xogħol kollu maħdum li jeċċedi tmien (8) sigħat.

(3) Ħaddiema li jaħdmu fil-ġurnata ta' mistrieħ tagħhom fil-ġimgħa għandhom ikunu intitolati għal ħlas ta' ħin doppju għall-ħin kollu maħdum.

Ikel.

**7.** (1) Ħaddiema fil-Gruppi 1 u 3 f'ġranet meta jorqdu fid-dar tal-prinċipal tagħhom u ħaddiema fil-Gruppi 2 u 4, f'tali ġranet, għandhom ikunu intitolati għall-ikel kollu, u f'dawk il-ġranet meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom għandhom ikunu intitolati għall-ikel kollu minbarra l-ikla ta' filgħaxija.

(2) Ħaddiema fil-Grupp 5 għandhom ikunu intitolati għall-ikel kollu minbarra l-ikla ta' filgħaxija.

(3) Ħaddiema fil-Grupp 6 għandhom ikunu intitolati għall-kafè jew te wara li jkunu ilhom jaħdmu mhux inqas minn sagħtejn (2) u jkunu wkoll intitolati għall-ikla ta' nofsinhar jew l-ikla ta' filgħaxija, skont il-każ, wara li jkunu ilhom jaħdmu għal mhux inqas minn ħames (5) sigħat b'kollox.

(4) Ħaddiema fil-Gruppi 1 u 3 f'ġranet meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom, ħaddiema fil-Gruppi 2 u 4 f'tali ġranet u ħaddiema fil-Grupp 5 għandhom ikunu intitolati għall-ikla ta' filgħaxija meta s-sigħat ta' xogħol tagħhom 'il fuq minn tmienja (8) fi kwalunkwe ġurnata, ikunu jeċċedu tlieta (3):

Iżda l-ħaddiema fil-Gruppi 1 u 2 għandu jkollhom tmienja u erbgħin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€48.36) imnaqqsa kull xahar mill-paga minima tagħhom, il-ħaddiema fil-Gruppi 3 u 4 għandu jkollhom ħdax-il euro u sittax-il ċenteżmu (€11.16) imnaqqsa kull ġimgħa mill-paga minima tagħhom, u l-ħaddiema fil-Grupp 5 għandu jkollhom euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€1.86) imnaqqsa kuljum mill-paga minima tagħhom, bħala kumpens tal-ikel li għalih huma intitolati kif imsemmi qabel:

Iżda wkoll il-ħaddiema fil-Grupp 6 ma għandu jkollhom l-ebda tnaqqis mill-paga minima tagħhom bħala kumpens tal-ikel li għalih jistgħu jkunu intitolati sakemm ma jkunux intitolati għal remunerazzjoni ta' ġurnata xogħol f'liema każ euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1.61) għandu jitnaqqsilhom mill-paga minima tagħhom:

Iżda wkoll il-ħaddiema fil-Gruppi 1, 2, 3 u 4 ma għandhomx jiġu kkunsidrati li għamlu użu mid-dritt tagħhom għall-ikel kif imsemmi qabel f'perjodi ta' festi tas-soltu, ta' leave u ta' leave għal mard li għalih huma intitolati, u t-tnaqqis rilevanti bħala kumpens

għall-ikel għandu jsir mill-paga minima tagħhom:

Iżda wkoll jekk il-ħaddiema ma jutilizzawx id-dritt tagħhom għal kwalunkwe ikel kif imsemmi qabel, huma ma għandhom ikunu intitolati għall-ebda kumpens ta' flus minflok l-ikel.

Allowance għall-uniformi.

**8.** (1) Meta l-impjegat ikun meħtieġ jilbes uniformi fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, tali uniformi għandha tkun ipprovduta mill-prinċipal mingħajr l-ebda ħlas.

L.S. 646.13.

(2) It-tagħmir protettiv personali skont ir-Regolamenti dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol għandu wkoll jingħata mingħajr l-ebda ħlas mill-prinċipal.

Ħin minimu ta' mistrieħ kuljum.

**9.** (1) Ħaddiema fil-Gruppi 1 u 3 f'dawk il-ġranet meta jorqdu fid-dar tal-prinċipal tagħhom u ħaddiema fil-Gruppi 2 u 4 f'tali għandhom ikunu intitolati għall-inqas tliet (3) sigħat b'kollox ta' ħin ta' mistrieħ kuljum, u l-ħin jew il-ħinijiet tal-mistrieħ għandhom jiġu stabbiliti mill-prinċipal bi ftehim mal-impjegat.

(2) Ħaddiema fil-Gruppi 1 u 3 f'ġranet meta ma jorqdux fid-dar tal-prinċipal tagħhom u ħaddiema fil-Gruppi 2 u 4 f'tali ġranet u ħaddiema fil-Grupp 5 għandhom ikunu intitolati għall-waqfien mix-xogħol, f'kull ġurnata, għall-ikel u l-mistrieħ li b'kollox ma għandux ikun inqas minn ħamsa u erbgħin (45) minuta f'kull ġurnata.

Ħin minimu ta' mistrieħ fil-ġimgħa.

**10.** Ħaddiema fil-Gruppi 1, 2, 3 u 4 għandhom ikunu intitolati għal ġurnata ta' mistrieħ fil-ġimgħa, u tali ġurnata ta' mistrieħ għandha tiġi stabbilita mill-prinċipal bi ftehim mal-impjegat:

Iżda f'każijiet speċjali, bil-kunsens kemm tal-prinċipal u tal-impjegat, l-impjegat għandu jkun intitolat għal vaganza ta' numru ta' ġranet ekwivalenti għan-numru ta' ġranet ta' mistrieħ fil-ġimgħa li ma jkunx utilizza, diment li tali ġranet ma jeċċedux sebat (7) ijiem.

Leave għal vaganza. L.S. 452.87.

**11.** L-impjegati kollha għandhom ikunu intitolati għal-leave kull sena skont ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

Leave għal mard.

Kap. 318.

**12.** (1) Kull impjegat whole-time fil-Gruppi 1, 2, 3 u 4 għandu f'kull sena kalendarja jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' erbatax (14)-il ġurnata leave għal mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata stabbilita skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati part-time għandu jkollhom jedd *pro rata* għal-leave għal mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u tali ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ewwel tlett (3) ijiem ta' kull talba għal-leave għal mard għandhom jitħallsu bi sħiħ mill-prinċipal;

(b) għandu jiġi ppreżentat ċertifikat mediku lill-prinċipal li jkopri l-perjodu tal-assenza fil-ġurnata tar-ritorn lejn ix-xogħol jew, jekk tali perjodu ta' leave għal mard jeċċedi sebat (7) ijiem, fi żmien sebat (7) ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba leave għal mard;

Kap. 318.

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-fini ta' kalkolu ta' ħlas tal-leave għal mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala jedd tal-benefiċċju għal mard bir-rata determinata skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(2) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ minn tabib tal-għażla tiegħu li jiċċertifika li l-impjegat mhux tajjeb għax-xogħol matul il-perjodu tal-leave għal mard.

(3) Il-jeddijiet tal-leave għal mard skont dan il-paragrafu għandhom japplikaw mill-ewwel jum ta' impjieg:

Iżda dawn il-jeddijiet għandhom jiġu maħduma *pro rata* skont id-data tal-bidu tal-impjieg fis-sena kalendarja relattiva.

(4) Il-jedd ta' *leave* għal mard għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi provduta għal-leave annwali kif speċifikata fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.

L.S. 452.87.

Tipi ta' leave oħra.

**13.** Impjegati li jaqgħu taħt il-Gruppi l, 2, 3 jew 4 għandhom ikunu intitolati għall-festi nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, kull forma ta' leave skont ir-Regolamenti dwar Dritt Minimu ta' *Leave* Speċjali u għal kull forma oħra ta' *leave* li tista', minn żmien għal żmien, tiġi stipulata f'Ordni ta' Standard Nazzjonali jew f'regolamenti magħmula taħt l-Att.

L.S. 452.101.

Tħassir u riżervi.

**14.** L-Ordni għal Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku u l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għas-Servizz Domestiku biex jirregola l-Pagi huma b'dawn imħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

L.S. 452.22.
L.S. 452.40.